MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ANNA FELICE

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2015

Rikors Ta Revoka Numru. 219/2014

**Romina Bugeja**

**vs**

**Emmanuel Bugeja**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Emanuel Bugeja li permezz tieghu ghar-ragunijiet premessi intalbet din il-Qorti biex:

1. Tirrevoka contrario imperio d-digriet taghha datat 10 ta' Settembru 2014 li permezz tieghu dina l-Onorabbli Qorti laqghet it-talba tas-sekwestranta ghall-hrug tal-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet u bin-nurmu premessi, u dan a tenur tal-artikolu 836(1)(d) u (f) tal-Kapitolu tnax (12) tal-Ligijiet ta' Malta.

2. F'kull kaz tordna r-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju fuq is-salarju ta' l-esponenti li huwa jippercepixxi bhal impjegat mal-HSBC Bank Malta p.l.c.

3. Tikkundanna lis-sekwestranta thallas penali skond il-ligi lill-esponenti stante li l-mandat mhux gustifikat skond il-ligi (artikolu 836(8)(b)(c)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta).

4. In difett illi tilqa' t-talbiet fuq imsemmija, tapplika d-disposizzjonijiet tal-artikolu 838A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u tordna lis-sekwestranta sabiex fi zmien qasir u perentorju li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tipprefiggi taghti garanzija xierqa ghall-hlas ta' penali li tista' tigi mposta u ta' danni u imghax, u fin-nuqqas li jitnehha l-mandat premess.

U dan taht dawk il-provvedimenti kollha li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Bl-ispejjez u b'rizerva ghal kull azzjoni spettanti lill-esponenti ghad-danni naxxenti mill-mandat fuq citat.

Rat it-twegiba ta' Romina Bugeja.

Rat l-atti tal-mandat 237/14.

Semghet lid-difensuri.

Ikkunsidrat illi doveruz ghall-Qorti tirrimarka illi, f'materja ta' mandati kawtelatorji, l-ezami li jehtieg isir minn din il-Qorti huwa essenzjalment limitat ghal dak li jidher mad-daqqa t'ghajn, bl-iskrutinju profond fil-mertu jibqa' rizervat esklussivament ghal dik il-Qorti li tigi adita bil-kawza.

Fis-sentenza Cole Foods Limited vs Euro Imports Limited, Qorti Civili Prim'Awla (13 ta' Marzu 2009) gie ritenut illi:

> *"F'dawn il-proceduri, din il-Qorti m'ghandhiex tidhol fil-meritu tal-pretensjonijiet tal-partijiet, izda trid tara biss jekk, prima facie, is-socjetà intimata kienitx gustifikata tikkawtela l-pretensjoni taghha."*

Il-Qorti tenfasizza inoltre li hija ma tistax leggerment ixxejjen id-dritt ta' pretiz kreditur li jikkawtela l-pretensjonijiet tieghu b'kull mezz li taghtih il-ligi. Tenfasizza wara kollox illi kull mandat johrog fuq ir-responsabbilità ta' min hargu, u li jkun ikkonferma l-pretensjoni tieghu bil-gurament. Fil-kaz in ezami l-partijiet bdew proceduri ghall-firda personali u fic-cirkostanzi, il-mara ghandha dritt tittenta tikkawtela l-jeddijiet taghha.

Fid-decizjoni "Visa Investments Limited vs Blye Engineering Co. Ltd" gie ritenut illi:

*"Illi ovvjament dan ma jfissirx li tali azzjoni tas-socjetà intimata ser tirnexxi, ghaliex id-determinazzjoni tal-istess talbiet tispetta biss lil dik il-Qorti li qed tisma' l-mertu tal-kawza fl-ambitu tal-kawza proprja dwar il-mertu."*

Dan premess, il-Qorti tikkunsidra illi r-rikorrenti jsejjes it-talbiet tieghu fuq l-Art. 836(1)(d) u (f) li testwalment jipprovdi ghat-thassir ta' mandat kawtelatorju:

*"(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv; jew*

*(f) jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli."*

Ir-rikorrenti jsostni li l-ammont kawtelat hu eccessiv u mhux prima facie gustifikat ghaliex sehem martu mill-komunjoni tal-akkwisti zgur ma tammontax ghal daqshekk. Issa sabiex il-Qorti tiddetermina dwar dan l-ilment ikun jehtieg li taghmel ezercizzju ta' tfittxija u kalkoli li zgur imur oltre mill-iskop tal-proceduri odjerni. Il-Qorti m'hijiex disposta taghmel hekk anki ghaliex l-ilment principali tar-rikorrent jibqa' dwar il-paga tieghu minn HSBC. Anki kieku kellha l-Qorti taqta' bin-nofs is-somma kawtelata, din ma tkun ta' ebda ghajnuna ghalih fil-prezent.

Ghar-rigward tal-ilment li l-Bank bhala sekwestratarju qieghed izomm il-paga tar-rikorrenti bi ksur tal-Art. 381(1)(a), din il-Qorti tqis li dan l-ilment ghandu jigi ndirizzat lil Bank stess. Madankollu, mill-atti tal-mandat annessi mal-proceduri odjerni, ma jidhirx li gew depozitati xi somom mill-paga tar-rikorrent.

Finalment, il-Qorti ma tqisx li jezistu l-estremi li jwassluha timponi xi penali jew garanzija ghall-hlas ta' penali u danni kif qed jitlob ir-rikorrenti.

Fil-kawza bl-ismijiet Zarb vs Port Cottonera Ltd fit-18 ta' Settembru 2002, gie ritenut illi:

> *"Biex persuna li talba il-hrug ta' mandat kawtelatarju jinsab responsabbli ghall-hlas tal-penali, trid tirrizulta xi wahda jew aktar mill-ipotesijiet kontemplati fl-artikolu 836(8) tal-istess Kap. 12, filwaqt li biex jinsatb responsabbli ghad-danni, ghalkemm ic-cirkustanzi mhux limitati ghal dak provdut fl-artikolu 836(8), cirkustanzi ohra jridu johorgu mill-applikazzjoni tal-artikoli 1031 u 1032 tal-Kap. 16, b'mod li jkun responsabbli biss jekk jagixxi b'imprudenza, b'negligenza jew mhux bil-hsieb ta' bonus ppterfamilias."*

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talbiet ta' Emanuel Bugeja.

Kull parti ghandha thallas l-ispejjez taghha.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------